Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.
Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.
Swipe to change

it-Taljan

# Tipi ta' professjonijiet legali

Italja

Din il-paġna tagħti ħarsa ġenerali lejn il-professjonijiet ġuridiċi fl-Italja.

## Professjonijiet Ġuridiċi – daħla

Il-professjonijiet ġuridiċi ewlenin fl-Italja huma: il-maġistrati (*magistrati*) li jinkludu dawk li jaġixxu bħala mħallfin (*giudici*) u l-prosekuturi (*pubblici ministeri*), l-avukati u n-nutara.

## Il-Ġudikatura

L-eżerċitar tal-**funzjoni ġudizzjarja** tal-imħallfin u tal-prosekuturi hija stabbilita fil-Kostituzzjoni.

## L-imħallfin

Il-ġustizzja hija amministrata f'isem il-poplu. L-imħallfin huma soġġetti għal-liġi biss (l-Artikolu 101 tal-Kostituzzjoni).

Il-funzjoni ġudizzjarja hija eżerċitata mill-maġistrati ta' ġuriżdizzjoni ordinarja, maħtura u regolati mil-liġijiet dwar is-sistema ġudizzjarja.

Ma jistgħux jinħatru mħallfin "straordinarji" jew "speċjali"; jista' jkun hemm biss awli speċjalizzati konnessi ma' korpi ġudizzjarji ta' ġuriżdizzjoni ordinarja. Il-liġi tirregola l-każijiet fejn il-pubbliku jista' jieħu sehem b'mod dirett fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u kif għandu jagħmel dan.

Il-ħatra għall-ġudikatura tinkiseb permezz ta' kompetizzjoni. Madankollu, jista' jagħti l-każ li tiġi aċċettata l-ħatra ta' maġistrati onorarji biex dawn jeżerċitaw il-funzjonijiet kollha assenjati lil xi imħallef uniku.

### Awtonomija u indipendenza

Il-ġudikatura tikkostitwixxi **korp awtonomu**, indipendenti minn kwalunkwe awtorità oħra (l-Artikolu 104 tal-Kostituzzjoni).

L-indipendenza tal-ġudikatura hija żgurata permezz tal-Kunsill Għoli tal-Ġudikatura (*Consiglio Superiore della Magistratura*), korp awtogovernattiv li huwa inkarigat mill-ħatriet, l-assenjar u t-trasferimenti u mill-promozzjonijiet tal-maġistrati kif ukoll mill-miżuri dixxiplinarji fil-konfront tagħhom (l-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni).

Id-distinzjoni bejn maġistrat u ieħor issir biss abbażi tal-funzjonijiet differenti tagħhom.

Il-ħatra tal-maġistrati hija permanenti – huma ma jistgħux jitneħħew jew jiġu sospiżi mill-inkarigu tagħhom jekk mhux b'konsegwenza ta' deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Għoli tal-Ġudikatura, li tkun ġiet adottata għal raġunijiet jew bil-garanziji stabbiliti fil-liġijiet dwar is-sistema ġudizzjarja fil-konfront tagħhom, jew bil-kunsens tal-maġistrati kkonċernati.

## Il-Prosekuturi Pubbliċi

### Organizzazzjoni

Il-Kostituzzjoni tistabbilixxi wkoll il-prinċipju tal-**indipendenza u l-awtonomija** tal- prosekutur pubbliku (**l-Artikoli 107**).

L-Artikolu 112 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi l-prinċipju tal-prosekuzzjoni obbligatorja ta' att kriminali: hekk kif il-prosekutur pubbliku li jkollu l-ġuriżdizzjoni jiġi nnotifikat dwar reat, hu jrid jagħti bidu għall-inkjesta u jippreżenta l-eżitu tagħhha quddiem imħallef għal finijiet ta' valutazzjoni, flimkien mat-talbiet rilevanti. L-obbligu li jsiru l-proċeduri kriminali jgħin biex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-prosekutur pubbliku fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu u l-ugwaljanza fost iċ-ċittadini kollha quddiem il-liġi.

L-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku huwa konness mal-Qorti tal-Kassazzjoni, mal-qrati tal-appell, mal-qrati ordinarji u mal-qrati tal-minorenni.

### Ir-Rwol u l-Funzjonijiet

Il-prosekutur pubbliku jieħu sehem fil-**proċedimenti kriminali** kollha u jirrappreżenta lill-**Istat**. L-uffiċċji tal-prosekutur pubbliku jieħdu sehem fil-proċedimenti ċivili meta dan ikun stabbilit mil-liġi (pereżempju, f'ċerti tilwimiet tal-familja, f'każi li jikkonċernaw individwi li ma jkollhomx kapaċità ġuridika, eċċ.).

## L-Organizzazzjoni tal-professjonijiet ġuridiċi: l-avukati u n-nutara

### L-Avukati

L-avukat huwa professjonist indipendenti li jiġi msejjaħ biex jirrappreżenta u biex jassisti lill-klijent tiegħu – li jista' jkun persuna fiżika, impriża jew korp governattiv – quddiem qorti ċivili, kriminali jew amministrattiva.

L-avukat jiddefendi lill-klijenti tiegħu abbażi ta' ftehim ta' rappreżentanza li jkun sar bejniethom u wara li jitħallas miżata.

Ma' kull qorti hemm il-Kamra tal-Avukati lokali (*Consiglio dell'ordine*) iffurmata minn avukati maħtura mill-avukati rreġistrati fir-reġistru rilevanti.

Fuq livell nazzjonali hemm il-Kamra tal-Avukati Nazzjonali (*Consiglio Nazionale Forense*), li tinħatar mill-kmamar tal-avukati lokali magħquda flimkien fuq bażi distrettwali.

Permezz tal-Liġi Nru 247 tal-31 ta' Diċembru 2012, daħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda li jirregolaw il-prattika tal-professjoni ġuridika.

### In-Nutara

In-nutar huwa professjonist indipendenti li jeżerċita funzjoni pubblika: il-funzjoni li jrendi awtentiċi l-atti ffirmati fil-preżenza tiegħu.

Il-professjoni tan-nutar hija rregolata mil-Liġi Nru 89 tas-16 ta' Frar 1913 (l-hekk imsejħa "liġi notarili") dwar ir-regoli li jirregolaw il-professjoni notarili u l-arkivji notarili.

Il-korp fuq livell nazzjonali huwa l-Kunsill Nazzjonali tan-Nutara (*Consiglio Nazionale del Notariato*).

L-aħħar aġġornament: 02/10/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.